Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,970, 6 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 327 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Dental Surgery Assistance – Dip. D.S.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Dental Surgery Assistance – Dip. D.S.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Dental Surgery Assistance – Dip. D.S.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali, ippubblikati bħala Avviż Legali 368 tal-2015, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidġol dan li ġej:

"3.(1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom ikunu kisbu l-Pre-Tertiary Certificate in Dental Surgery Assitance."

It-Tħassir tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 5 sa 10 tal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinamenti 5 sa 10 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 4 sa 9.

It-Tħassir tal-Appendiċi I tal-ordinamenti prinċipali

6. L-Appendiċi I tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.